



12.7.2010

## AVVIŻ LILL-MEMBRI

Suġġett: **Petition 1905/2009 ippreżentata minn Heinrich Blasius, ta' nazzjonalità Ġermaniża, f'isem il-"Bürgerinitiative gegen Fluglärm eV" (grupp ta' azzjoni taċ-ċittadini kontra l-ħsejjes tal-inġenji tal-ajru), dwar livelli eċċessivi ta' ħsejjes mill-inġenji tal-ajru militari bl-użu tal-Lauter TRA (spazju fl-ajru riservat temporarjament)**

### 1. Sommarju tal-petizzjoni

Il-petizzjonant joġġezzjona għal-livelli eċċessivi ta' ħsejjes u t-tniġġiż tal-arja mill-ajruplani tal-għlied tan-NATO li jużaw il-Lauter TRA. Huwa jindika li l-inġenji tal-arja Amerikani f'din iż-żona qed jitħarrġu għall-gwerra ta' aggressjoni u jsostni li saħħtu sofriet b'konsegwenza tal-ħsejjes. Huwa jargumenta li t-tkomplija tat-tolleranza ta' tali livelli eċċessivi ta' ħsejjes hija ksur tad-drittijiet tal-bniedem, l-integrità fiżika u d-dritt għall-għażla libera ta' residenza. Huwa jenfasizza li diġà ngħalqet żona ta' taħriġ fil-Ġermanja minħabba livelli eċċessivi ta' ħsejjes u jirraġuna li falliment milli tingħalaq il-Lauter TRA jikkostittwixxi għalhekk diskriminazzjoni. Huwa qed ifittex għalhekk l-assistenza tal-Parlament Ewropew.

### 2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fid-data 30 Marzu 2010. Il-Kummissjoni ġiet mistiedna biex tagħti informazzjoni (Artikolu 202(6) tar-Regoli ta' Proċedura).

### 3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet nhar 12 Lulju 2010.

Skont il-liġi tal-Unjoni Ewropea, hemm żewġ direttivi li jikkonċernaw il-fastidju tal-ħsejjes:

- Id-Direttiva 2002/49/KE<sup>1</sup> tikkonċerna l-evalwazzjoni u l-immaniġġjar tal-ħsejjes fl-ambjent.

<sup>1</sup> ĠU L 189, 18.7.2002, p. 12-25

Skont l-Artikolu 2(2) tad-direttiva, il-leġiżlazzjoni ma tapplikax għal ħsejjes li jkunu ġejjin minn attivitajiet militari f'żoni militari.

- Id-Direttiva 2002/30/KE <sup>1</sup> tikkonċerna ajruporti ċivili fl-UE b'aktar minn 50 000 moviment ta' ajruplani ċivili subsoniċi bil-ġett u tistipula restrizzjonijiet għall-użu bil-għan li tillimita jew tnaqqas l-aċċess ta' ajruplani ċivili subsoniċi bil-ġett.

Fid-dawl ta' dak imsemmi hawn fuq u tal-informazzjoni kkomunikata mill-petizzjonant, ma jista' jiġi identifikat l-ebda ksur tal-leġiżlazzjoni Komunitarja.

---

<sup>1</sup> *ĠUL 85, 28.3.2002, p. 40-46*